REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 514/2011

tal-25 ta' Mejju 2011

li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali applikabbli għal ċerti prodotti bħala riżultat tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli kif stipulat fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1460/96 [2] jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali applikabbli għal ċerti prodotti bħala riżultat tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, kif stipulat fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009. Fid-dawl tal-iżviluppi f'arranġamenti kummerċjali preferenzjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, hemm bżonn li r-Regolament jiġi sostitwit.

(2) Ċerti arranġamenti preferenzjali konklużi mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi jistipulaw l-applikazzjoni ta' komponenti agrikoli jew dazji addizzjonali li huma iktar baxxi mill-komponenti agrikoli jew mid-dazji addizzjonali ffissati mit-Tariffa Doganali Komuni. Għalhekk hemm bżonn li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tnaqqis li ngħata.

(3) Hemm bżonn li tiġi stabbilita lista ta' prodotti bażiċi li għalihom jistgħu jiġu stabbiliti komponenti agrikoli mnaqqsa skont l-arranġamenti preferenzjali ma' pajjiżi terzi.

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1216/2009 it-tnaqqis mogħti għandu jkun stabbilit jew billi jitnaqqsu l-ammonti bażiċi użati biex jiġu kkalkulati l-komponenti agrikoli jew billi jitnaqqsu l-komponenti agrikoli applikabbli għal ċerti prodotti speċifikati.

(5) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009, fejn ikun hemm bżonn biex jiġu determinati l-komponenti agrikoli mnaqqsa applikabbli għall-kummerċ preferenzjali, għandhom jiġu stabbiliti l-karatteristiċi tal-prodotti bażiċi u l-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi li jkunu kkunsidrati li ntużaw.

(6) Huwa xieraq li jiġu stipulati regoli għall-kalkolu tat-tnaqqis fid-dazji addizzjonali applikabbli fir-rigward tal-kontenut ta' ċereali u zokkor f'ċerti prodotti meta fil-qafas tal-ftehimiet preferenzjali ġie stipulat it-tnaqqis ta' dawn id-dazji addizzjonali.

(7) L-eliġibilità għar-rati ta' dazju mnaqqsa ġeneralment tingħata fil-limiti tal-kwoti tariffarji kif stipulat mill-ftehim preferenzjali rilevanti. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-kwoti tariffarji, huma għandhom ikunu ġestiti skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [3].

(8) Għal ġieħ iċ-ċarezza u t-trasparenza l-lista ta' prodotti koperti minn komponenti agrikoli mnaqqsa jew dazji addizzjonali mnaqqsa, sew jekk taqa' fi kwota tariffarja u sew jekk le, għandha tkun stipulata fil-ftehim preferenzjali rilevanti.

(9) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1216/2009 għandu jkun possibbli li titbiddel il-parti tad-dazji *ad valorem* li tikkorrispondi għall-komponent agrikolu b'ammont speċifiku meta jkun stipulat bi ftehim preferenzjali. Madankollu dan l-ammont ma għandux jeċċedi t-tariffa applikabbli fir-rigward tal-kummerċ mhux preferenzjali

[1] ĠU L 328, 15.12.2010, p. 10.
[2] ĠU L 187, 26.7.1996, p. 18.
[3] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(10) Peress li l-eliġibilità għal rati mnaqqsa hija bil-kundizzjoni li l-prodotti joriġinaw mill-pajjiżi li jkun ġie konkluż ftehim magħhom għal ftehim preferenzjali, hemm bżonn li jiġu speċifikati r-regoli tal-oriġini li jridu jiġu applikati.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għad-determinazzjoni tal-komponenti agrikoli mnaqqsa msemmija fl-Artikolu 7(2), u d-dazji addizzjonali relatati msemmija fl-Artikolu 5(2), tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009, u għall-ġestjoni tal-kwoti miftuħa skont ftehimiet preferenzjali applikabbli għall-prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1216/2009.

Artikolu 2

Għall-fini li jiġu stabbiliti l-komponenti agrikoli mnaqqsa skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009, għandhom jitqiesu l-prodotti bażiċi li ġejjin:

— kodiċi NM ex 1001 90 99 qamħ komuni,

— kodiċi NM 1001 10 00 qamħ durum,

— kodiċi NM 1002 00 00 segala,

— kodiċi NM 1003 00 90 xgħir,

— kodiċi NM 1005 90 00 qamħirrun, ħlief qamħirrun għażżriegħ,

— kodiċijiet NM 1006 20 96 u 1006 20 98 ross bla ħliefa tal-ħabba twila, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ross",

— kodiċi NM 1701 99 10 zokkor abjad,

— kodiċijiet NM 1703 10 00 u 1703 90 00 għasel iswed,

— kodiċi NM ex 0402 10 19 trab tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam skont il-piż li ma jaqbiżx il-1,5 %, mingħajr zokkor jew xi ingredjent ieħor li jagħti l-ħlewwa u f'ippakkjar immedjat b'kontenut nett ta' aktar minn 2,5 kg, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "PG 2",

— kodiċi NM ex 0402 21 19 trab tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib skont il-piż ta' 26 %, mingħajr zokkor jew xi ingredjent ieħor li jagħti l-ħlewwa u f'ippakkjar immedjat b'kontenut nett ta' aktar minn 2,5 kg, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "PG 3",

— kodiċi NM ex 0405 10 butir, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' 82 %, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "PG 6".

Artikolu 3

1. Il-komponenti agrikoli mnaqqsa applikabbli fil-qafas tal-kummerċ preferenzjali għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-kwantitajiet ta' prodotti bażiċi kkunsidrati li ntużaw fil-manifattura tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I għall-prodotti elenkati fih mill-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM).

3. Għall-prodotti elenkati fil-kodiċijiet NM fejn l-Anness I jirreferi għall-Anness II, il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II.

4. Għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 3, għandhom japplikaw kodiċijiet addizzjonali, skont il-kompożizzjoni tal-prodotti, kif stabbilit fl-Anness III.

5. Meta jkun stipulat hekk fi ftehim preferenzjali, b'deroga mill-paragrafi 1 sa 4, il-komponenti agrikoli mnaqqsa, u, meta jkun xieraq, id-dazji addizzjonali mnaqqsa, applikabbli għal kull prodott eliġibbli għal tnaqqis tad-dazju, għandhom jinkisbu billi jiġi applikat koeffiċjent ta' tnaqqis għall-komponenti agrikoli u d-dazji addizzjonali relatati ffissati fit-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 4

1. Għall-prodotti elenkati fl-Anness II, il-kwantitajiet ta' zokkor u ċereali li għandhom jitqiesu fil-kalkolu tad-dazji addizzjonali mnaqqsa (AD S/Z) u fuq id-dqiq (AD F/M) għandhom ikunu kif stabbilit fil-punti B u C tal-Anness II, għal kontenuti partikolari ta' sukrows, zokkor maqlub u/jew isoglukows, u ta' lamtu u/jew il-glukows, rispettivament.

2. Għall-prodotti mhux elenkati fl-Anness II, id-dazji addizzjonali msemmija fil-pargrafu 1 għandhom jinkisbu billi jitqiesu biss il-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi li jaqgħu jew fis-settur taċ-ċereali jew fis-settur taz-zokkor kif stabbilit fil-Partijiet I u III rispettivament tal-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234 /2007 [1].

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

Artikolu 5

1. Skont l-Artikolu 3(1) il-komponenti agrikoli mnaqqsa u, fejn xieraq, id-dazji addizzjonali mnaqqsa, applikabbli għal kull prodott eliġibbli għal dan it-tnaqqis fid-dazju, jinkisbu bil-multiplikazzjoni tal-kwanitajiet tal-prodotti bażiċi rilevanti użati bl-ammont bażiku msemmi fil-paragrafu 2 u billi jiżdiedu dawn l-ammonti għall-prodotti bażiċi rilevanti użati fil-manifattura tal-prodott.

2. L-ammont bażiku li għandu jitqies fil-kalkolu tal-komponenti agrikoli mnaqqsa u, fejn xieraq, id-dazji addizzjonali mnaqqsa, għandu jkun l-ammont ffissat f'euro stipulat fil-ftehim preferenzjali rilevanti jew determinat skont dak il-ftehim.

3. Meta ftehim preferenzjali jistipula tnaqqis fir-rati tal-komponenti agrikoli għal kull prodott minflok tnaqqis fl-ammonti bażiċi, il-komponenti agrikoli mnaqqsa għandhom ikunu kkalkulati billi jiġi applikat it-tnaqqis stipulat fil-ftehim għall-komponenti agrikoli ffissati fit-Tariffa Doganali Komuni.

4. Fil-każijiet fejn il-komponent agrikolu mnaqqas u, fejn meħtieġ, id-dazji addizzjonali mnaqqsa, determinati skont il-paragrafu 1, 2 u 3, ikunu inqas minn EUR 2,4/100 kg, il-komponenti jew dazju għandu jiġi ffissat bħala żero.

Artikolu 6

1. L-ammonti tal-komponenti agrikoli mnaqqsa u, fejn xieraq, id-dazji addizzjonali mnaqqsa, stabbiliti skont l-Artikolu 5 se jkunu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-ftehim mal-pajjiż terz rilevanti, l-ammonti ppublikati skont il-paragrafu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-pubblikazzjoni.

Madankollu, meta kemm il-komponenti agrikoli mnaqqsa u kemm id-dazji addizzjonali mnaqqsa applikabbli għall-prodotti bażiċi jibqgħu ma jinbidlux, il-komponenti agrikoli u d-dazji addizzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 5 għandhom ikomplu japplikaw sakemm ikunu ppubblikati l-komponenti agrikoli u d-dazji addizzjonali li se jieħdu posthom.

Artikolu 7

Il-ftehim preferenzjali għandu jistipula jew jippermetti d-determinazzjoni ta' li ġejjin:

(a) il-prodotti eliġibbli għal komponent agrikolu mnaqqas;

(b) il-prodotti eliġibbli għal dazju addizzjonali mnaqqas;

(c) it-tnaqqis jew tnaqqisiet mogħtija;

(d) il-kwota tariffarja applikabbli, meta t-tnaqqisiet jingħataw fi kwota ta' dan it-tip.

Artikolu 8

Meta, fil-każ ta' prodotti agrikoli elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009, ftehim preferenzjali jistipula l-applikazzjoni ta' komponent agrikolu fil-forma ta' ammont speċifiku, suġġett għal tnaqqis jew le skont kwota tariffarja, u meta t-Tariffa Doganali Komuni tistipula l-applikazzjoni ta' dazju ad valorem għal importazzjonijiet mhux preferenzjali ta' dawn il-prodotti, l-ammont pagabbli ma għandux jaqbeż din ir-rata.

Artikolu 9

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "prodotti li joriġinaw" tfisser prodotti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ksib tal-istatus ta' prodotti li joriġinaw stabbilita mill-ftehim preferenzjali kkonċernat

Artikolu 10

1. Il-komponenti agrikoli tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-każijiet li ġejjin:

(a) il-komponenti agrikoli relatati mal-prodotti koperti mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009 li mhumiex koperti mill-arranġamenti preferenzjali relatati mal-kummerċ f'dawn il-prodotti mal-pajjiż ikkonċernat;

(b) il-komponenti agrikoli japplikaw għal prodotti li jaqbżu l-kwota tariffarja.

2. Meta l-kwota tariffarja tikkonċerna tnaqqis fid-dazji ad valorem li jikkorrispondu għall-komponent agrikolu tiegħu fil-forma msemmija fl-Artikolu 8, id-dazji applikabbli għall-kwantitajiet li jaqbżu l-kwoti tarriffarji għandhom ikunu dawk tat-Tariffa Doganali Komuni jew dawk stipulati b'mod differenti fil-ftehim.

Artikolu 11

Il-kwoti tariffarji koperti minn dan ir-Regolament għandhom ikunu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 12

Ir-Regolament (KE) Nru 1460/1996 għandu jitħassar.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

(imsemmija fl-Artikolu 3(2))

Kwantitajiet ta' prodotti bażiċi meqjusa li ntużaw

(għal kull 100 kg ta' prodotti)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Qamħ komuni	Qamħ durum	Segala	Xgħir	Qamħirrun	Ross	Zokkor Abjad	Għasel iswed	Trab tal-ħalib xkumat (PG 2)	Trab tal-ħalib intier (PG 3)	Butir (PG6)
		kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw											
0403 10	– Jogurt:											
	– – Imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw											
	– – – Fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż											
0403 10 51	– – – – Mhux aktar minn 1,5 %									100		
0403 10 53	– – – – Aktar minn 1,5 % iżda mhux aktar minn 27 %										100	
0403 10 59	– – – – Aktar minn 27 %									42		68
	– – – Oħrajn, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż:											
0403 10 91	– – – – Mhux aktar minn 3 %									9		2
0403 10 93	– – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %									8		5
0403 10 99	– – – – Aktar minn 6 %									8		10

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
0403 90	– Oħrajn:											
	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw											
	– – – Fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, bil-piż											
0403 90 71	– – – – Mhux aktar minn 1,5 %									100		
0403 90 73	– – – – Aktar minn 1,5 % iżda mhux aktar minn 27 %										100	
0403 90 79	– – – – Aktar minn 27 %									42		68
	– – – Oħrajn, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, bil-piż:											
0403 90 91	– – – – Mhux aktar minn 3 %									9		2
0403 90 93	– – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %									8		5
0403 90 99	– – – – Aktar minn 6 %									8		10
0405	Butir u xaħmijiet tal-ħalib u żjut oħrajn magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib:											
0405 20	– Dlik (pejst) tal-butir:											
0405 20 10	– – B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda inqas minn 60 %						ara l-Anness II					
0405 20 30	– – B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 60 % jew aktar iżda mhux aktar minn 75 %						ara l-Anness II					
0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), friżati:											
0710 40 00	– Qamħ ħelu					100(a)						
0711	Veġetali preservati provviżorjament (pereżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
0711 90	– Veġetali oħrajn; taħlit ta' veġetali:											
	– – Veġetali:											
0711 90 30	– – – Qamħ ħelu					100(a)						
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitlu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' titlu 1516:											
1517 10	– Marġerina, ħlief marġerina likwida:											
1517 10 10	– – Li fihom, bil-piż, iktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tax-xaħmijiet tal-ħalib											15
1517 90	– Oħrajn:											
1517 90 10	– – Li fihom, bil-piż, iktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tax-xaħmijiet tal-ħalib											15
1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw:											
1704 10	– Ċjuwing-gamm, miksi biz-zokkor jew le:											
1704 10 10	– – Li fihom anqas minn 60 % tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) imfisser bħala sukrows)					30		58				
1704 10 90	– – Li fihom 60 % jew aktar tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) imfisser bħala sukrows)					16		70				
1704 90	– Oħrajn:											
1704 90 30	– – Ċikkulata bajda							45			20	
1704 90 51 sa 1704 90 99	– – Oħrajn	Ara l-Anness II										
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw:											
1806 10	– Trab tal-kawkaw, li fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1806 10 20	– – Li fihom 5 % jew aktar iżda inqas minn 65 % tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows							60				
1806 10 30	– – Li fihom 65 % jew aktar iżda inqas minn 80 % tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows							75				
1806 10 90	– – Li fihom 80 % jew aktar tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows.							100				
1806 20	– Preparazzjonijiet oħrajn fi blokki, ċangaturi jew biċċiet jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew f'xi forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakki diretti, b'kontenut itqal minn 2 kg						Ara l-Anness II					
	– Oħrajn, fi blokki, ċangaturi jew biċċiet:											
1806 31	– – Mimlijin						Ara l-Anness II					
1806 32	– – Mhux mimlijin						Ara l-Anness II					
1806 90	– Oħrajn						Ara l-Anness II					
1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw kalkulata fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw kalkulata fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:											
1901 10 00	– Preparazzjonijiet għal użu tat-trabi, imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut						Ara l-Anness II					
1901 20 00	– Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara ta' titlu 1905						Ara l-Anness II					
1901 90	– Oħrajn:											
	– – Estratt tax-xgħir:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1901 90 11	– – – B'kontenut ta' estratt xott ta' 90 % jew aktar tal-piż				195							
1901 90 19	– – – Oħrajn				159							
	– – Oħrajn:											
1901 90 99	– – – Oħrajn	Ara l-Anness II										
1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:											
	– Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor:											
1902 11 00	– – Li fih il-bajd		167									
1902 19	– – Oħrajn:											
1902 19 10	– – – Li ma fihomx dqiq jew pasta tal-qamħ komuni		167									
1902 19 90	– – – Oħrajn	67	100									
1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:											
	– – Oħrajn:											
1902 20 91	– – – Imsajrin		41									
1902 20 99	– – – Oħrajn		116									
1902 30	– Għaġin ieħor:											
1902 30 10	– – Imnixxef		167									
1902 30 90	– – Oħrajn		66									
1902 40	– Kuskus:											
1902 40 10	– – Mhux preparat		167									
1902 40 90	– – Oħrajn		66									

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1903 00 00	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, ħbub, perli, frakijiet jew forom simili					161						
1904	Ikel preparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, groats u pasta), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:											
1904 10	– Ikel preparat permezz tan-nefħa jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali:											
1904 10 10	– – Miksub mill-qamħirrun					213						
1904 10 30	– – Miksub mir-ross						174					
1904 10 90	– – Oħrajn		53		53	53	53					
1904 20	Ikel preparat miksub minn qxur taċ-ċereali mhux mixwijin jew minn taħlit ta' qxur ta' ċereali mhux mixwijin u qxur taċ-ċereali mixwijin jew ċereali minfuħin:											
1904 20 10	– – Preparazzjoni tat-tip Müsli bbażata fuq qxur taċ-ċereali mhux mixwijin	Ara l-Anness II										
	– – Oħrajn:											
1904 20 91	– – – Miksub mill-qamħirrun					213						
1904 20 95	– – – Miksub mir-ross						174					
1904 20 99	– – – Oħrajn		53		53	53	53					
1904 90	– Oħrajn:											
1904 90 10	– – Miksub mir-ross						174					
1904 90 80	– – Oħrajn		174									
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1905 10 00	– Ħobż iqarmeċ (crispbread)			140								
1905 20	– Kejk tal-ġinger (gingerbread) u prodotti bħalu:											
1905 20 10	– – Li fih piż inqas minn 30 % sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows)	44		40				25				
1905 20 30	– – Li fih piż 30 % jew iktar iżda inqas minn 50 % sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows)	33		30				45				
1905 20 90	– – Li fih piż 50 % jew iktar sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows)	22		20				65				
	– Gallettini ħelwin; waffles u wejfers:											
1905 31	– – Gallettini ħelwin						Ara l-Anness II					
1905 32	– – Waffles u wejfers						Ara l-Anness II					
1905 40	– Ħobż imbaskat (rusks), ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin						Ara l-Anness II					
1905 90	– Oħrajn:											
1905 90 10	– – Matzos	168										
1905 90 20	– – Ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili					644						
1905 90 30 sa 1905 90 90	– – Oħrajn						Ara l-Anness II					
2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati u preservati bil-ħall jew b'aċtu aċetiku:											
2001 90	– Oħrajn:											
2001 90 30	– – Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*)					100(a)						
2001 90 40	– – Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu					40(a)						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, friżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:											
2004 10	– Patata:											
	– – Oħrajn:											
2004 10 91	– – – F'forma ta' dqiq, pasta jew qxur						Ara l-Anness II					
2004 90	– Ħxejjex oħrajn u taħlit ta' ħxejjex:											
2004 90 10	– – Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*)					100(a)						
2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux friżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:											
2005 20	– Patata:											
2005 20 10	– – F'forma ta' dqiq, pasta jew qxur						Ara l-Anness II					
2005 80 00	– Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*)					100(a)						
2008	Frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huma speċifikati jew inklużi mkien aktar:											
	– Oħrajn, inklużi taħlitiet ħlief dawk ta' subtitlu 2008 19:											
2008 99	– – Oħrajn:											
	– – – Mingħajr spirtu miżjud:											
	– – – – Ma fihomx zokkor miżjud:											
2008 99 85	– – – – – Qamħirrun, ħlief qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*)					100(a)						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2008 99 91	– – – – – Jams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel, li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu					40(a)						
2101	Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, te jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te jew matè; ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:											
	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:											
2101 12	– – Preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:											
2101 12 98	– – – Oħrajn						Ara l-Anness II					
2101 20	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' te jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' te jew matè:											
	– – Preparazzjonijiet:											
2101 20 98	– – – Oħrajn						Ara l-Anness II					
2101 30	– Ċikwejra inkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:											
	– – Ċikwejra inkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè inkaljati:											
2101 30 19	– – – Oħrajn				137							
	– – Estratti, essenzi jew konċentrati ta' ċikwejra inkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè inkaljati:											
2101 30 99	– – – Oħrajn				245							
2102	Ħmira (attiva jew inattiva); mikroorganiżmi oħrajn b'ċellula waħda, mejtin (iżda ma jinkludux vaċċini ta' titlu 3002); trabijiet tal-ħami ppreparati:											
2102 10	– Ħmira attiva:											
	– – Ħmira tal-furnara:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2102 10 31	– – – Imnixxfa								425			
2102 10 39	– – – Oħrajn								125			
2105 00	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le:											
2105 00 10	– Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom inqas minn 3 % bil-piż minn dawn ix-xaħmijiet.							25		10		
	– Fihom xaħmijiet tal-ħalib bil-piż:											
2105 00 91	– – 3 % jew iktar iżda inqas minn 7 %							20			23	
2105 00 99	– – 7 % jew aktar							23			35	
2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:											
2106 10	– Konċentrati ta' proteini u sustanzi ta' proteini minsuġin:											
2106 10 80	– – Oħrajn						Ara l-Anness II					
2106 90	– Oħrajn:											
	– – Oħrajn:											
2106 90 98	– – – Oħrajn						Ara l-Anness II					
2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, bizzokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawwrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' titlu 2009:											
2202 90	– Oħrajn:											
	– – Oħrajn, fihom piż ta' xaħam miksub mill-prodotti ta' titli 0401 sa 0404:											
2202 90 91	– – – Inqas minn 0,2 %							10		8		
2202 90 95	– – – 0,2 % jew iktar iżda inqas minn 2 %							10			6	
2202 90 99	– – – 2 % jew iktar							10			13	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2905	Alkoħoli aċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom:											
	– Alkoħoli polidriċi oħrajn:											
2905 43 00	– – Mannitol							300				
2905 44	– – D-gluċitol (sorbitol):											
	– – – F'soluzzjoni tal-ilma:											
2905 44 11	– – – – Li fih 2 % jew inqas tal-piż ta' D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol					172						
2905 44 19	– – – – Oħrajn							90				
	– – – Oħrajn:											
2905 44 91	– – – – Li fih 2 % jew inqas tal-piż ta' D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol					245						
2905 44 99	– – – – Oħrajn							128				
3302	Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb:											
3302 10	– Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb:											
	– – Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb:											
	– – – Preparazzjonijiet li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba:											
	– – – – Oħrajn:											
3302 10 29	– – – – – Oħrajn	Ara l-Anness II										
3505	Destrini u lamti oħrajn modifikati (per eżempju lamti preġelatinizzati jew esterifikati); kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn modifikati:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
3505 10	– Destrini u lamti oħrajn modifikati:											
3505 10 10	– – Destrini					189						
	– – Lamti oħrajn modifikati:											
3505 10 90	– – – Oħrajn					189						
3505 20	– Kolol:											
3505 20 10	– – Li fihom, bil-piż, inqas minn 25 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati					48						
3505 20 30	– – Li fihom, bil-piż, 25 % jew iktar iżda inqas minn 55 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati					95						
3505 20 50	– – Li fihom, bil-piż, 55 % jew iktar iżda inqas minn 80 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati					151						
3505 20 90	– – Li fihom, bil-piż, 80 % jew iktar lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati					189						
3809	Aġenti għall-irfinar, katalisti (carriers) biex iħaffu iż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (pereżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li ma humiex speċifikati jew inklużi band'oħra:											
3809 10	– B'baži ta' sustanzi amilaċeużi:											
3809 10 10	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi inqas minn 55 %					95						
3809 10 30	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 55 % jew aktar iżda inqas minn 70 %					132						
3809 10 50	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 70 % jew aktar iżda inqas minn 83 %					161						
3809 10 90	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 83 % jew aktar					189						
3824	Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' fundarija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band' oħra:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
3824 60	– Sorbitol ħlief dak ta' subtitlu 2905 44:											
	– – F'soluzzjoni milwiema:											
3824 60 11	– – – Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-glucitol					172						
3824 60 19	– – – Oħrajn							90				
	– – Oħrajn:											
3824 60 91	– – – Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-glucitol					245						
3824 60 99	– – – Oħrajn							128				

ANNESS II

(imsemmija fl-Artikolu 3(3))

Kwantitajiet ta' prodotti bażiċi meqjusa li ntużaw fejn l-Anness I jirreferi għal dan l-Anness

(għal kull 100 kg ta' prodotti)

Xaħam tal-ħalib, proteini tal-ħalib, sukrows, zokkor maqlub u isoglukows; kontenuti ta' lamtu u glukożju	Trab tal-ħalib xkumat (PG2)	Trab tal-ħalib shiħ (PG3)	Butir (PG6)	Zokkor Abjad	Qamħ komuni	Qamħirrun
	kg	kg	kg	kg	kg	kg
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
A. Li ma jkunx fihom xaħam tal-ħalib jew li jkun fihom anqas minn 1,5 %, bħala piż ta' dan ix-xaħam u li fih bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 2,5 % jew aktar iżda anqas minn 6 %	14					
— 6 % jew aktar iżda anqas minn 18 %	42					
— 18 % jew aktar iżda anqas minn 30 %	75					
— 30 % jew aktar iżda anqas minn 60 %	146					
— 60 % jew aktar	208					
Li fihom 1,5 % jew aktar imma inqas minn 3 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 2,5 % bħala piż minn dawn il-proteini:			3			
— Li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 2,5 % jew aktar iżda anqas minn 6 %	14		3			
— 6 % jew aktar iżda anqas minn 18 %	42		3			
— 18 % jew aktar iżda anqas minn 30 %	75		3			
— 30 % jew aktar iżda anqas minn 60 %	146		3			
— 60 % jew aktar	208		3			
Li fihom 3 % jew aktar imma inqas minn 6 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 2,5 % bħala piż ta' dawn il-proteini:			6			
— Li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 2,5 % jew aktar iżda anqas minn 12 %	12	20				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
— 12 % jew aktar	71		6			
Li fihom 6 % jew aktar imma inqas minn 9 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 4 % bħala piż minn dawn il-proteini:			10			
— Li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 4 % jew aktar iżda anqas minn 15 %	10	32				
— 15 % jew aktar	71		10			
Li fihom 9 % jew aktar imma inqas minn 12 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 6 % bħala piż minn dawn il-proteini:			14			
— Li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 6 % jew aktar iżda anqas minn 18 %	9	43				
— 18 % jew aktar	70		14			
Li fihom 12 % jew aktar imma inqas minn 18 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 6 % bħala piż minn dawn il-proteini:			20			
— Li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib:						
— 6 % jew aktar iżda anqas minn 18 %		56	2			
— 18 % jew aktar	65		20			
Li fihom 18 % jew aktar imma inqas minn 26 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 6 % bħala piż minn dawn il-proteini:			20			
— Li fihom 6 % jew iktar bħala piż ta' proteini tal-ħalib	50		29			
Li fihom 26 % jew aktar imma inqas minn 40 % bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— Li ma fihomx proteini tal-ħalib jew fihom inqas minn 6 % bħala piż minn dawn il-proteini:			45			
— Li fihom 6 % jew iktar bħala piż ta' proteini tal-ħalib	38		45			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
Li fihom bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:						
— 40 % jew aktar iżda anqas minn 55 %			63			
— 55 % jew aktar iżda anqas minn 70 %			81			
— 70 % jew aktar iżda anqas minn 85 %			99			
— 85 % jew aktar			117			
B. Li fihom bħala piż ta' sukrows, zokkor maqlub u/jew isoglukows:						
— 5 % jew aktar iżda anqas minn 30 %				24		
— 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 %				45		
— 50 % jew aktar iżda anqas minn 70 %				65		
— 70 % jew aktar				93		
C. Li fihom bħala piż ta' lamtu u/jew glukows:						
— 5 % jew aktar iżda anqas minn 25 %					22	22
— 25 % jew aktar iżda anqas minn 50 %					47	47
— 50 % jew aktar iżda anqas minn 75 %					74	74
— 75 % jew aktar					101	101

ANNESS III

(imsemmi fl-Artikolu 3(4))

Kodiċijiet addizzjonali bbażati fuq il-kompożizzjoni tal-prodotti

Xaham tal-ħalib (% bħala piż)	Proteini tal-ħalib (% bħala piż) (3)	Lamtu/Glukows (% bħala piż) (1)																	
		≥ 0 < 5					≥ 5 < 25					≥ 25 < 50				≥ 50 < 75			≥ 75	
		Sukrows/Zokkor maqlub/Isoglukows (% bħala piż) (2)																		
		≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30	≥ 0 < 5	≥ 5
≥ 0 < 1,5	≥ 0 < 2,5	7 000	7 001	7 002	7 003	7 004	7 005	7 006	7 007	7 008	7 009	7 010	7 011	7 012	7 013	7 015	7 016	7 017	7 758	7 759
	≥ 2,5 < 6	7 020	7 021	7 022	7 023	7 024	7 025	7 026	7 027	7 028	7 029	7 030	7 031	7 032	7 033	7 035	7 036	7 037	7 768	7 769
	≥ 6 < 18	7 040	7 041	7 042	7 043	7 044	7 045	7 046	7 047	7 048	7 049	7 050	7 051	7 052	7 053	7 055	7 056	7 057	7 778	7 779
	≥ 18 < 30	7 060	7 061	7 062	7 063	7 064	7 065	7 066	7 067	7 068	7 069	7 070	7 071	7 072	7 073	7 075	7 076	7 077	7 788	7 789
	≥ 30 < 60	7 080	7 081	7 082	7 083	7 084	7 085	7 086	7 087	7 088	X	7 090	7 091	7 092	X	7 095	7 096	X	X	X
	≥ 60	7 800	7 801	7 802	X	X	7 805	7 806	7 807	X	X	7 810	7 811	X	X	X	X	X	X	X
≥ 1,5 < 3	≥ 0 < 2,5	7 100	7 101	7 102	7 103	7 104	7 105	7 106	7 107	7 108	7 109	7 110	7 111	7 112	7 113	7 115	7 116	7 117	7 798	7 799
	≥ 2,5 < 6	7 120	7 121	7 122	7 123	7 124	7 125	7 126	7 127	7 128	7 129	7 130	7 131	7 132	7 133	7 135	7 136	7 137	7 808	7 809
	≥ 6 < 18	7 140	7 141	7 142	7 143	7 144	7 145	7 146	7 147	7 148	7 149	7 150	7 151	7 152	7 153	7 155	7 156	7 157	7 818	7 819
	≥ 18 < 30	7 160	7 161	7 162	7 163	7 164	7 165	7 166	7 167	7 168	7 169	7 170	7 171	7 172	7 173	7 175	7 176	7 177	7 828	7 829
	≥ 30 < 60	7 180	7 181	7 182	7 183	X	7 185	7 186	7 187	7 188	X	7 190	7 191	7 192	X	7 195	7 196	X	X	X
	≥ 60	7 820	7 821	7 822	X	X	7 825	7 826	7 827	X	X	7 830	7 831	X	X	X	X	X	X	X
≥ 3 < 6	≥ 0 < 2,5	7 840	7 841	7 842	7 843	7 844	7 845	7 846	7 847	7 848	7 849	7 850	7 851	7 852	7 853	7 855	7 856	7 857	7 858	7 859
	≥ 2,5 < 12	7 200	7 201	7 202	7 203	7 204	7 205	7 206	7 207	7 208	7 209	7 210	7 211	7 212	7 213	7 215	7 216	7 217	7 220	7 221
	≥ 12	7 260	7 261	7 262	7 263	7 264	7 265	7 266	7 267	7 268	7 269	7 270	7 271	7 272	7 273	7 275	7 276	X	7 838	X
≥ 6 < 9	≥ 0 < 4	7 860	7 861	7 862	7 863	7 864	7 865	7 866	7 867	7 868	7 869	7 870	7 871	7 872	7 873	7 875	7 876	7 877	7 878	7 879
	≥ 4 < 15	7 300	7 301	7 302	7 303	7 304	7 305	7 306	7 307	7 308	7 309	7 310	7 311	7 312	7 313	7 315	7 316	7 317	7 320	7 321
	≥ 15	7 360	7 361	7 362	7 363	7 364	7 365	7 366	7 367	7 368	7 369	7 370	7 371	7 372	7 373	7 375	7 376	X	7 378	X

Xaham tal-ħalib (% bħala piż)	Proteini tal-ħalib (% bħala piż) (3)	Lamtu/Glukows (% bħala piż) (1)																	
		≥ 0 < 5					≥ 5 < 25					≥ 25 < 50				≥ 50 < 75			≥ 75
		Sukrows/Zokkor maqlub/Isoglukows (% bħala piż) (2)																	
		≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 < 50	≥ 50	≥ 0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30	≥ 0 < 5	≥ 5
≥ 9 < 12	≥ 0 < 6	7 900	7 901	7 902	7 903	7 904	7 905	7 906	7 907	7 908	7 909	7 910	7 911	7 912	7 913	7 915	7 916	7 917	7 918	7 919
	≥ 6 < 18	7 400	7 401	7 402	7 403	7 404	7 405	7 406	7 407	7 408	7 409	7 410	7 411	7 412	7 413	7 415	7 416	7 417	7 420	7 421
	≥ 18	7 460	7 461	7 462	7 463	7 464	7 465	7 466	7 467	7 468	X	7 470	7 471	7 472	X	7 475	7 476	X	X	X
≥ 12 < 18	≥ 0 < 6	7 940	7 941	7 942	7 943	7 944	7 945	7 946	7 947	7 948	7 949	7 950	7 951	7 952	7 953	7 955	7 956	7 957	7 958	7 959
	≥ 6 < 18	7 500	7 501	7 502	7 503	7 504	7 505	7 506	7 507	7 508	7 509	7 510	7 511	7 512	7 513	7 515	7 516	7 517	7 520	7 521
	≥ 18	7 560	7 561	7 562	7 563	7 564	7 565	7 566	7 567	7 568	X	7 570	7 571	7 572	X	7 575	7 576	X	X	X
≥ 18 < 26	≥ 0 < 6	7 960	7 961	7 962	7 963	7 964	795	7 966	7 967	7 968	7 969	7 970	7 971	7 972	7 973	7 975	7 976	7 977	7 978	7 979
	≥ 6	7 600	7 601	7 602	7 603	7 604	7 605	7 606	7 607	7 608	7 609	7 610	7 611	7 612	7 613	7 615	7 616	X	7 620	X
≥ 26 < 40	≥ 0 < 6	7 980	7 981	7 982	7 983	7 984	7 985	7 986	7 987	7 988	X	7 990	7 991	7 992	X	7 995	7 996	X	X	X
	≥ 6	7 700	7 701	7 702	7 703	X	7 705	7 706	7 707	7 708	X	7 710	7 711	7 712	X	7 715	7 716	X	X	X
≥ 40 < 55		7 720	7 721	7 722	7 723	X	7 725	7 726	7 727	7 728	X	7 730	7 731	7 732	X	7 735	7 736	X	X	X
≥ 55 < 70		7 740	7 741	7 742	X	X	7 745	7 746	7 747	X	X	7 750	7 751	X	X	X	X	X	X	X
≥ 70 < 85		7 760	7 761	7 762	X	X	7 765	7 766	X	X	X	7 770	7 771	X	X	X	X	X	X	X
≥ 85		7 780	7 781	X	X	X	7 785	7 786	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X

(1) *Lamtu/glukows*

Il-kontenut tal-prodotti (kif ippreżentati) fil-lamtu, il-prodotti tad-degradazzjoni tiegħu, jiġfieri l-polimeri kollha tal-glukows, u l-glukows, determinati bħala glukows u espressi bħala lamtu (fuq bażi ta' materjal xott, b'purità ta' 100 %; fattur għall-konverżjoni ta' glukows f'lamtu: 0,9).
Madankollu, fejn tkun iddikjarata u/jew jinsab li fil-prodotti hemm taħlita ta' glukows u fruktows (fi kwalunkwe sura), l-ammont ta' glukows li għandu jkun inkluż fil-kalkolu ta' hawn fuq huwa dak li huwa aktar mill-kontenut ta' fruktows fil-prodotti.

(2) *Sukrows/zokkor maqlub/isoglukows*

Il-kontenut tal-prodotti (kif ippreżentati), fis-sukrows, flimkien mas-sukrows li jirriżulta meta tkun espressa bħala sukrows kull taħlita ta' glukows u fruktows (it-total aritmetiku tal-ammonti ta' dawn iż-żewġ zokkrijiet multiplikat b'0,95), li huwa ddikjarat (fi kwalunkwe sura) u/jew jinsab li hemm fil-prodotti.
Madankollu fejn il-kontenut ta' fruktows fil-prodotti ikun inqas mill-kontenut tal-glukows, l-ammont ta' glukows li jrid jiġi inkluż fil-kalkolu ta' hawn fuq għandu jkun ammont daqs, skont il-piż, għal dak tal-fruktows.
Nota: Fil-każijiet kollha, fejn ikun iddikjarat prodott ta' idrolisi tal-laktows, u/jew jinsab li hemm galaktows fost iz-zokkrijiet, l-ammont ta' glukows daqs dak ta' galaktows jitnaqqas mill-kontenut totali ta' glukows qabel isiru xi kalkoli oħrajn.

(3) *Proteini tal-ħalib*

Kaseini u/jew kaseinati li jagħmlu parti mill-prodotti ma għandhomx jitqiesu bħala proteini tal-ħalib jekk il-prodotti ma jkunx fihom xi kostitwent ieħor ta' oriġini lattika.
Xaħam tal-ħalib li jinsab fil-prodotti f'inqas minn 1 %, u laktows f'inqas minn 1 %, tal-piż, ma jitqisux bħala kostitwenti oħrajn ta' oriġini lattika.
Meta jkunu lesti l-formalitajiet tad-dwana, il-persuna kkonċernata trid tinkludi fuq id-dikjarazzjoni adatta: "ingredjent uniku tal-ħalib: kaseina/kaseinat", jekk dan ikun il-każ.